ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 52 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 7 ta' Awwissu, 2012, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Lulju 2012;

   b) Skeda ta' Ħlas Lulju 2012;
5. Kwotazzjonijiet ghal Bandli;
6. Toroq;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 51 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Il-Viċi Sindku qal li ried jagħmel dikjarazzjoni li ma jaqbilx ma' dak li kien qal is-Sindku rigward il-permessi tal-gabbani, fejn is-sidien ta' dawn il-gabbani jġibu permess biex jarmaw mingħand il-Każini.

Is-Sindku wieġeb li lis-sidien tal-gabbani hu qalhom biex jitolbu permess mingħand il-każini biex jarmaw għax hu kien qed jirreferi għal dik l-*area* fejn tkun ser issir l-attivita' mhux fit-toroq tal-viċinanza. Wara l-Kunsill iddeċieda li ma' jinħarġu l-ebda permessi ġodda waqt li jkunu qed isiru attivitajiet li m'għandhomx x'jaqsmu mal-ġranet tal-festa.

Sar qbil ukoll li jekk ikunu se jiżdiedu xi posti ġodda għal ġranet tal-Festa jinġieb avviż fil-Gazzetta tal-Gvern minn ta' lanqas xaharejn qabel, dejjem jekk ikun hemm qbil mar-residenti fejn ikunu se jintramaw il-posti.

Wara din d-diskussjoni s-Sindku ppropona li l-Minuti tas-Seduta 51 jkunu adottati. Issekonda il-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

Dwar item 3.9, Is-Sur Twanny Vella ma' ġab l-ebda permess tal-*Lands Department* kif mitlub.

Dwar ittra li ntbagħatet lis-Sur Vincent Camilleri rigward il-kwotazzjoni ta' Surveyor, is-Sur Camilleri wieġeb li hu se jwettaq ix-xogħol kif rikjest mill-Kunsill.

3. **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)**:-

1. Mid-Dipartiment infurmaw li fit-8 ta' Awwissu, 2012, fil-5:00 p.m. ser isir iċ-ċerimonja fejn se jingħataw il-fondi għall-Librerija Pubblika din taqa' taħt l-Iskema **"Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta' ta' librerija lokali"**. Ser jattendu is-Sindku flimkien mas-Segretarju.

   Irċevejna Memo 33/2012 dwar kif ghandu jsir Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi.

   Infurmawna ukoll dwar laqgha li ser issir rigward il-*Playingfields* nhar il-Erbgha 8 ta' Awwissu, Mizzi House, Blata-l-Bajda fl-10.00am. Għal din il-laqgħa ser tattendi is-Segretarju.

2. Mill-AKL, fejn bagħatu jinfurmaw dwar Konferenza Proġett TICTAC li ser isir fit-13 ta' Ottubru, 2012. Ghal din ser tattendi s-Segretarju.

Infurmaw ukoll li b'effett mill-1 ta' Settembru, 2012, ir-*release* tal-garanzija bankarja li l-MEPA żżomm lill-iżviluppaturi għandha seħħ wara li din tkun iffirmata kemm mis-Sindku kif ukoll mis-Segretarju Eżekuttiv.

3. Mingħand il-Ministru Chris Said fejn għarraf dwar il-proġett l-Ewropa fuq ir-Roti dawn jinvolvu tours b'xejn madwar Malta u Għawdex.

4. Mill-MEPA infurmaw li l-bilanċ disponibbli għal fondi tal-UIF huwa ta' € 30,281.56. Bagħatu wkoll jinfurmaw dwar konsultazzjoni dwar il-proposti tal-avviż legali fir-rigward ta' emissjonijiet industrijali din saret fil-31 ta' Lulju, 2012.
Is-Sur Vassallo attenda għal din il-laqgħa u qal li d-diskussjoni kienet dwar proġetti li jkunu ser isiru biex ikunu konformi ma' speċifikazzjonijiet tal-UE.
Infurmaw ukoll dwar bdil fil-kategorija ta' ħanut (Pet Shop) li jinsab 7 f'Wesgħa Bir id-Deheb u wkoll alterazzjonijiet fil-faċċata.

5. Mill-Għaqda Muiżikali St.Marija talbu li sabiex fit-3,4,5,6 u 7 ta' Awwissu, 2012, ma jintramawx l-ebda gabbani fit-toroq ta' madwar il-grawnd tal-kappillan kif ukoll fi Vjal il-Labour jekk mhux bil-permess tagħhom. Dan għaliex l-attivitaijiet ser ikunu għal għan Filantropiku. Fakkar ukoll sabiex fil-ġranet tal-festa ma jintramawx kiosks ta' kull xorta fi Triq G.M. Farrugia faċċata tal-każin.

L-Għaqda bagħatet ukoll stedina għall-Kunsill għal Programm Mużikali u riċeviment fil-11 ta' Awwissu, 2012, fid-9:00 p.m.

6. Mingħand *Transport Malta*, fejn infurmaw li t-talba sabiex jiġu nstallati *crash barriers* f'Dawret Ħal Għaxaq ma ġietx aċċettata peress li l-bankina mhux wiesa' biżżejjed sabiex takkomoda dawn il-*barriers*, għarrfu wkoll li m'għandhom l-ebda evidenza li hemm hekk hu ta' riskju tali jista' jsir x'aċċident.

Il-Kunsill irċieva lment mingħand residenta li toqgħod fi Triq B'bugia fejn din talbet sabiex isir *sleeping police* fit-triq, peress li l-karozzi qed jinżlu b'veloċita' eċċessiva. Dan l-ilment ġie referut għall-attenzjoni tat-*Transport Malta*.

7. Mill-Enemalta fejn talbu sabiex isir laqgħa magħhom sabiex jiġu diskussi il-proċeduri ta' meta jiġu rrapurtati ħsarat fil-lampi, kif tapplika għal lampi ġodda, diffikultajiet li niltaqgħu magħhom vis-avis il-Korporazzjoni u wkoll sabiex jitjieb ir-rapport bejn il-Kunsill u l-Koporazzjoni. Din il-laqgħa saret mas-Sindku w s-Segretarju, minn naħa tal-Enemalta ġew is-Sur Ivo Galea u Ms Claire Briffa.

8. Irċevejna kwotazzjoni mingħand *GE Excavation Ltd.* dwar xogħol ta' tħammil għal Bir fi Triq Ħal Tarxien ta' € 150. Il-Kunsill qabel li din il-kwotazzjoni tiġi aċċettata.

9. Irċevejna kwotazzjoni mingħand Vincent Caruana rigward żbir ta' siġar fuq Santu Rokku ta' € 247.80 VAT inkluża, fil-*Housing Estate* ta' € 295 VAT inkluża u f'Bir id-Deheb ta' € 171.10 VAT inkluża. Il-Kunsill qabel li din il-kwotazzjoni tiġi aċċettata.

10. Mingħand OPAL u JGC irċevejna xi prezzijiet varji rigward bandli.

OPAL (UK) Rubber Flat Safety Seats = €85 each. (Hungary) €45 each
(UK) Cradle safety seat = €215 each. (Hungary) €175 each

JGC Rubber Flat Swing Seats 2 pcs @ €32.95 each + Chain @ €34.95/set
Rubble Cradle Swing Seats 2 pcs @ €150 each + Chain @ €29.95/set

Il-Kunsill qabel li tingħażel il-kwotazzjoni ta' JGC u jsiru 2 bandli għal kbar u 2 għaż-żgħar bill-ktajjen b'kollox.

11. Mir-Reġjun Nofsinhar irċevejna l-Aġenda tal-laqgħa li saret fl-24 ta' Lulju, 2012 flimkien mal-Minuti tal-laqgha ta' qabel.

12. Mid-Dipartiment tal-Agrikoltura ikkonfermaw li fejn ser isir il-monument tal-annimali jaqa' taħt ir-responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali u tigi mantenuta ortikularment mid-Dipartiment tagħhom. Infurmaw ukoll dwar *uprooting* ta' tlett siġriet fejn ser isir il-monument.

13. Stedina mill-Kappillan lill-Kunsill għal quddiesa tal-Ewwel tat-Tridu għall-Festa ta' Santa Marija fil-11 ta' Awwissu, 2012, fis-6:30 p.m. u wkoll għall-quddiesa oħra fil-Jum tal-Festa 15 ta' Awwissu, 2012, fid-9:00 a.m.

Bagħat ukoll stedina għall-Kunsill għall-quddiesa u pellegrinaġġ fit-8 ta' Awwissu, 2012, fis-6:30 pm f'għeluq il-mitejn sena minn meta l-istatwa ta' St.Marija ġiet irregala lill-Parroċċa.
Il-Kunsill qabel li jagħti *momentum* lill-Kumitat tan-Nisa tal-Għaqda Santa Marija, Ħal Għaxaq fl-okkażjoni tal-25 sena mit-twaqqif ta' dan il-Kumitat.

14. Mingħand l-Agenzija Żgħażagħ dwar il-Kunsill Lokali Żgħażagħ 2012/13.

15. Mill-MHEC dwar il-Premju Anzjan tas-Sena 2012 annessa applikazzjoni għan-nominazzjoni.

16. Mill-*Emergency Response & Rescue Corps* dwar korsijiet li sjiru bi ħlas għall-Istaff tal-Kunsill u r-residenti.

17. Mingħand Fra. Ramon Farrugia Patrijiet Franġiskani tar-Rabat, fejn infurma lill-Kunsill li qed jippanjaw żjara Franġiskana mit-22 sas-26 ta' Awwissu, 2012 u ser issir attivita fuq Santu Rokku fil-25 ta' Awwissu 2012.. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni li ssir din l-attivita'.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Ittra lis-Sur Vella fejn infurmajnih li peress li *central strip* taqa' taħt il-Gvern Ċentrali t-talba għal Monument trid isir minnu, filwaqt li kemm il-darba jkollhu l-permess mill-*Lands Department* il-Kunsill lest li jagħti l-għajnuna tiegħu.

**4. Materji Finanzjarji**

a. *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Lulju 2012, li kienu jammontaw għal € 7.00. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€ 7.00 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

b. *Skeda ta' Ħlas Lulju 2012*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Lulju 2012 u li jammontaw għal **€21,527.26**. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mis-Sur Picco. Il-Kunsill qabel unanimament.

5. **Kwotazzjonijiet għal Bandli**

Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li tinġieb kwotazzjoni għal Bandli biex jitpoġġew fil-ġnien li qiegħed jinbena Dawret Ħal Għaxaq. Il-Kunsill qabel li ġo dan il-ġnien jitpoġġew żewġ bandli, flimkien ma' *multi-activity play area* u *outdoor gym equipment.* Ma dawn l-Kunsill qabel li jinkludu t-tapiti meħtieġa.

6. **Toroq**

Is-Sindku qal li jeħtieġ napplikaw il-MEPA għal *UIF Funds* biex isiru l-bankini f'Wesgħa Bir id-Deheb u Triq iż-Zejtun. Tinħtieġ stima mingħand il-Perit tal-Kunsill s-Sur Marvin Ellul. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qal li s-*Surveyor* li qabbad il-Kunsill lesta is-*Survey* ta' Triq San Gorg kantuniera ma' Triq it-Tumbarellu, minn naħa tagħha l-MEPA qed tagħmel Triq San Gorg minħabba li din it-triq ser issir mill-Gvern.

Is-Sur Vassallo qal ukoll li sakemm isiru Triq it-Tumbarellu, Triq San Gorg, dawn hemm bżonn li nibdew inxarbuhom imqar darbtejn f'ġimgħa minħabba t-trabijiet li hemm.

Il-Kunsill qabel.

**10. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

a. Is-Sindku qal li jkun sabiħ jekk il-Kunsill ipoġġi qsari fi Triq ta' Loretu u Triq iċ-Ċombini fejn pjanti ġo dawn jitħawwlu minn nies li joqogħdu fl-inħawi u jieħdu ħsiebhom huma. Il-Kunsill qabel.

b. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinġiebu 4 *skips* għat-tindif ta' wara il-*Concerts* li ser isir fi Triq il-Barbazzal. Il-Kunsill qabel.

d. Il-Kunsillier Attard fakkar il-Kunsill biex jinxtraw żewġ tiqfief tal-fjuri għal Festa ta' Santa Marija. Il-Kunsill qabel.

d. Is-Sinjura Agius issuġġeriet li jinxtraw tużana u nofs tazzi għal Kunsill..Il-Kunsill qabel.

e. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jsiru żewġ tabelli Triq il-Garakol u oħra Triq San Pawl. Il-Kunsill qabel.

f. Is-Sindku qal li jkun aħjar li flok ħajt issir bankina fi Triq iċ-Ċombini kantuniera mal-Bypass għax dan il-ħajt qiegħed għoli u s-sewwieqa ma jkunux jistgħu jaraw min ġej biex joħorġu għal ġol-By Pass.

g. Is-Sinjura Agius qajmet każ li kien sar snin ilu rigward xi vandaliżmu minn xi żgħażagħ u li meta sar r-rapport lill-Ispettur Portelli dak kollu li kien intqal fil-laqgħa ġie żvelat minn omm wieħed miż-żgħażagħ lis-Sinjura Agius meta intaqet magħha xi jiem ilu.

Is-Sur Abdilla issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jibagħat ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar dan il-każ. Il-Kunsill qabel.

**11. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fl-4.15pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta, 11 ta' Settembru, 2012, fis-2:00 p.m.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**<u>Ikkonfermati:- It-Tlieta, 11 ta' Settembru, 2012, fis-2.00pm</u>**


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt